

32004R0861

30.4.2004

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 161/29

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) NRU 861/2004

tad-29 ta' April 2004

li jaddatta r-Regolament (KE) Nru 685/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, fil-kamp tat-trasport, minħabba l-addeżjoni tar-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvija, il-Lituwanja, l-Ungaria, Malta, il-Polenja, is-Slovenja u s-Slovakkja

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

kollha meta l-Kunsill ikun addotta l-att oriġinali biss jew b'mod konġunt mal-Parlament Ewropew.

Wara li kkunsidra t-Trattat l-jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

(3) Ir-Regolament (KE) Nru 685/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-4 ta' April 2001 li jirrigwarda t-tqassim ta' l-awtorizazzjonijiet fost l-Istati Membri rċevuti permezz tal-Ftehimijiet li jistabbilixxu ċerti kondizzjonijiet rigward it-trasport tal-merkanzija bit-triq u l-promozzjoni tat-trasport magħqud bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Bulgarija u r-Repubblika ta' l-Ungaria (3) għandu għalhekk jiġi emendat,

ADDOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Wara li kkunsidra t-Trattat li jirrigwarda l-addeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvija, ir-Repubblika tal-Lituwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungaria, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polenja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakkia ma' l-Unjoni Ewropea (minn issa' l-quddiem imsejja it-Trattat ta' l-Adeżjoni" (1), u b'mod partikulari l-Artikolu 2(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Att li jirrigwarda l-kondizzjonijiet ta' l-addeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvija, ir-Repubblika tal-Lituwanja, ir-Repubblika ta' l-Ungaria, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polenja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakkia u l-aġġustamenti għat-Trattati li fuqhom hija msejsa l-Unjoni Ewropea (minn issa' l-quddiem imsejja l-Att ta' l-Adeżjoni" (2), u b'mod partikulari l-Artikolu 57(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) Rigward ċerti atti li jibqgħu validi lil hemm mill-1 ta' Mejju 2004 u jeħtieġu l-addattament minħabba l-Adeżjoni, l-adattamenti meħtieġa ma kenux ipprovvdu fl-Att ta' l-Adeżjoni, jew kienu pprovvdu, imma jeħtieġu aktar addattamenti Dawn l-addattamenti kollha jeħtieġu li jiġu addottati qabel l-addeżjoni għalbiex jidħlu fis-sejjħ mill-adeżjoni.

(2) Skond l-Artikolu 57(2) ta' l-Att ta' l-Adeżjoni, dawn l-addattamenti jridu jiġi addottati mill-Kunsill fil-każjiet

(1) ĠU L 236, tat-23.9.2003, p. 17.

(2) ĠU L 236, tat-23.9.2003, p. 33.

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 685/2001 huwa hawnhekk emendat kif ġej:

1) it-titlu għandu jiġi mibdul bi:

"Ir-Regolament (KE) Nru 685/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-4 ta' April 2001 li jirrigwarda t-tqassim ta' l-awtorizzazzjonijiet fost l-Istati Membri rċevuti permezz tal-Ftehimijiet li jistabbilixxu ċerti kondizzjonijiet għat-trasport tal-merkanzija bit-triq u l-promozzjoni tat-trasport magħqud bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Bulgarija u bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tar-Rumanja li jistabbilixxu ċerti kondizzjonijiet għat-trasport tal-merkanzija bit-triq u l-promozzjoni tat-trasport magħqud (minn issa' l-quddiem imsejħa 'il-Ftehimijiet);"

2) l-Artikolu 1 għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

Artikolu 1

Dan ir-Regolament jistabbilixxi r-regoli għat-tqassim fost l-Istati Membri ta' l-awtorizzazzjonijiet disponibbli fil-Komunità skond l-Artikolu 6 tal-Ftehimijiet bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Bulgarija u bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tar-Rumanja li jistabbilixxu ċerti kondizzjonijiet għat-trasport tal-merkanzija bit-triq u l-promozzjoni tat-trasport magħqud (minn issa' l-quddiem imsejħa 'il-Ftehimijiet).";

(3) ĠU L 108, tat-18.4.2001, p. 1. Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 893/2002 (ĠU L 142, tal-31.5.2002, p. 1).

3) l-Anness għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

“L-ANNESS

L-Istat Membru	L-Awtorizzazzjonijiet għalbiex jintużaw fi:	
	Il-Bulgarija	Ir-Rumanja
Il-Belġju	53	54
Ir-Repubblika Ċeka	50	50
Id-Danmarka	60	61
Il-Ġermanja	84	87
L-Estonja	63	66
Il-Greċja	10 468	11 457
Spanja	50	50
Franza	52	52
L-Irlanda	50	50
L-Italja	52	52
Ċipru	63	64
Il-Latvija	53	54
Il-Lituwanja	211	227
Il-Lussemburgu	50	50
L-Ungernja	324	359

L-Istat Membru	L-Awtorizzazzjonijiet għalbiex jintużaw fi:	
	Il-Bulgarija	Ir-Rumanja
Malta	57	55
L-Olanda	100	104
L-Awstrija	69	70
Il-Polonja	386	296
Il-Portugall	50	50
Is-Slovenja	64	87
Ir-Repubblika Slovakka	429	442
Il-Finlandja	52	52
L-Isvezja	57	57
Ir-Renju Unit	53	54
It-Total	13 000	14 000”

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ bla ħsara għad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' l-Adeżjoni u fid-data tad-dħul fis-seħħ tiegħi.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħi u jaapplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, fid-29 ta' April 2004.

Għall-Kunsill

Il-President

M. McDOWELL